MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2013

Numru. 1208/2010

**Il-Pulizija**
**Supretendent Martin Sammut**

**vs**

**David Abela**

Il-Qorti;

Rat l-imputat David Abela iben Paul u Dorothy nee' Bellizzi, imwieled nhar is-6 ta' Awwissu 1965, Floriana u residenti Arzella Xitwija, Triq il-Gizi, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita' numru 417465(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer nhar l-20 ta' Frar 2006, gewwa Triq il-Kbira, San Giljan, f'xi hin bejn 10.15hrs u 11.35hrs,

b’nuqqas ta’ hsieb, bi taskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, waqt li kien qed issuq il-vettura ABL010, ikkaguna il-mewt ta’ Elena Vella.
Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f’kas ta’ htija, tiskwalifika lil imputat milli jkollu jew jottjeni kull licenzja tas-sewqan skond il-ligi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta’ Lulju, 2011 (esebita a fol. 56 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tad-19 ta’ April, 2012, l-imputat ddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kaz odjern jirrigwardaw incident awtomobilistiku li sehh
fl-20 ta’ Frar 2006 ghall-habta tal-11.30am fi Triq il-Kbira, San Giljan, precizament quddiem il-branch tal-Bank of Valletta tal-Balluta fejn ittajret mara anzjana, Helena Vella, mill-imputat li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABL 010 tal-ghamla Rover. L-anzjana kienet ser taqsam it-triq u l-imputat kien hiereg minn parking space meta laqat lil Helena Vella. Helena Vella ittiehdet l-Isptar b’ambulanza fejn giet certifikata li kienet qed issofri griehi ta’ natura gravi li kienu jinkludu ksur tal-clavicle u li huma elenkati fic-certifikat mediku nserit a fol. 19 tal-atti

processwali. Xi jiem wara l-incident[1] il-Pulizija giet infurmata li Helena Vella kienet qalbet ghall-aghar u kienet fil-periklu tal-mewt u aktar tard fis-26 ta' Frar 2006 huma regghu gew infurmati li din kienet mietet. F'dan l-istadju saret Inkjesta Magisterjali[2] fejn mir-rapport tal-patologisti il-Profs. Marie Therese Camilleri u Dr. Ali Safraz irrizulta li l-kawza tal-mewt kienet is-segwenti:

*"The death of this elderly female is due to gastrointestinal bleeding, ischemic heart disease and bronchopneumonia."*

Il-Magistrat Inkwirenti nnomina lil Dr. Mario Scerri bhala espert forensiku sabiex wara li jara l-medical history ta' Helena Vella jistabilixxi jekk il-kawza tal-mewt taghha kinitx konnessa mal-griehi kagunati fl-incident stradali de quo. Fir-rapport tieghu inserit a fol. 26 tal-Process Verbal inserit a fol. 13A tal-atti processwali Dr. Mario Scerri kkonkluda s-segwenti:-

Wara li l-esponent ezamina l-*medical history file* ta' **Elena Vella** jikkonkludi:

1. *"Illi **Elena Vella** kienet mara anzjana ta' 75 sena illi kienet tbati minn Parkinson's Disease u li fl-antik kienet operata fuq l-imsaren peress illi kellha intestinal obstruction;*
2. *Illi l-imsemmija **Elena Vella** ghalkemm kellha l-Parkinson's Disease kienet tohrog tant illi din giet involuta fl-incident msemmi waqt li kienet barra t-triq;*
3. *Illi rrizulta li din ittajjret minn vettura waqt li l-vettura kienet qeghdha tirriversja;*

4. *Illi meta ddahhlet l-isptar San Luqa nstab illi din kienet migugha specjalment fuq il-qadd u fuq is-sider u rrizulta wkoll li kellha frattura tal-clavicle;*
5. *Illi huwa fatt li meta persuna jkollha frattura tal-clavicle u jkollha ugigh kagunat minn trawma fuq is-sider,*

[1] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv is-Supretendent Martin Sammut li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-31 ta' Mejju 2011 .
[2] Process Verbal relattiv isserit a fol. 13A tal-atti processwali.

*in-nifs jigi affettwat u l-pulmuni ma jintlewx sew bl-arja. Appuntu din hija wahda mill-kawzi ta' hypostatic pneumonia specjalment fl-anzjani.*

6. *Illi wkoll l-istress li jgib mieghu incident trawmatiku bhal dan specjalment fl-anzjani huwa assocjat ma' stress ulcers u bleeding fl-istonku. Ukoll jirrizulta li lill-imsemmija **Vella** nghatawlha Nosteroidal antifammatory drugs NSAID's (Distalgesic). Dawn ukoll jistghu jikkagunaw gastrointestinal bleeding;*

7. *Illi in vista ta' dan kollu l-esponent m'ghandu l-ebda dubju illi l-incident trawmatiku kkontribbwixxa ghall-ugigh li soffriet l-imsemmija **Vella** li kagun ta' dan l-ugigh, il-pulmun ma setghax jintela' sew bl-arja u li wassal ghall-bronchopneumonia li kkaguna l-mewt ta' **Elena Vella** flimkien ma' gastrointestinal bleeding li huwa assocjat ma' traumatic stress li ghaddiet minnu l-imsemmija **Vella** u wkoll mal-medicinali li nghataw lil **Vella** biex jissollevaw l-ugigh illi garrbet **Vella** konsegwenza tal-incident trawmatiku."*

Ikkunsidrat:

Illi meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-31 ta' Mejju 2011 Dr. Mario Scerri qal li il-griehi sofferti minn Helena Vella waqt l-incident ma kienux griehi li solitament jikkagunaw il-mewt izda huwa spjega li minhabba l-medical history u l-medikazzjoni li nghatat lil Vella sabiex jigi ssollevat l-ugiegh kagunat mill-griehi fl-incident inqalghu kumplikazzjonijiet li waslu ghall-mewt tal-istess Vella.

Ikkunsidrat:

Illi f;dawn il-proceduri xehed PC1232 Kevin Schembri[3] li kien xhud okulari tal-incident. Huwa fil-fatt spjega li fl-20 ta' Frar 2006 kien xoghol ghassa mal-branch tal-Bank of Valletta fil-Balluta u ghall-habta tal-10.20am ra vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABL 010 tal-marka Rover tirriversja fi Triq il-Kbira li tigi quddiem il-branch tal-bank u fl-istess hin ra mara anjzana qed taqsam minn wara l-

---

[3] Traskrizzjoni tax-xhieda nserit a fol. 37 sa 41 tal-atti processwali.

vettura u ra li din l-anzjana kienet ser tintlaqat mill-vettura msemmija. Dan ix-xhud spjega li huwa hareg mill-bank u ghajjat lix-xufier sabiex jieqaf izda sakemm hareg il-vettura lahqet laqtet lill-anzjana u din spiccat taht il-bumper ta' wara tal-istess vettura. Huwa jghid li qal lix-xufier tal-vettura sabiex ma jcaqlaqx il-vettura u mbaghad cempel l-Ghassa ta' San Giljan fejn gie PS 697 fuq il-post sabiex jinvestiga l-kaz. Dan ix-xhud qal li huwa ra l-vettura tohrog mill-parking u tirriversja u spjega li l-gemb tal-istess vettura kien ezatt faccata tieghu. Dan ix-xhud qal ukoll li l-anzjana ntlaqtet bil-parti ta' wara tal-vettura u spjega li ra lil mara gejja mill-bankina faccata tal-Bank of Valletta.

PS 697 Nigel Apap xehed waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2012 fejn spjega li l-Pulizija kienet giet infurmata li kienet ittajret mara anzjana fi Triq il-Kbira, San Giljan u li hija kienet ittajret minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABL 010 misjuqa min certu David Abela. Huwa qal ukoll li meta mar fuq il-post sab li l-mara, certu Helena Vella, kienet diga ttiehdet l-Isptar bl-ambulanza u meta kellem lix-xufier tal-vettura dan qallu li kien qed jirriversja sabiex johrog mill-parking,hares fil-mera u ma ra xejn u ghalhekk proceda sabiex jirriversja u mbaghad sema' lil Pulizija li kien ghassa mal-bank jghidlu sabiex jieqaf u huwa ghalhekk waqaf u meta nizel mill-vettura ra lil mara mal-art. Is-Surgent qal li meta kellem lil Helena Vella l-Isptar din qaltlu li kienet gejja minn fuq il-bankina faccata tal-Bank of Valletta u kif harget minn wara telephone box hamra u kbira il-vettura li kienet qed tirriversja laqtitha u wegghat. In kontro-ezami dan ix-xhud ikkonferma li malli tohrog minn wara t-telephone box tkun inzilt minn fuq il-bankina.

L-imputat David Abela li ghazel lli jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-31 ta Mejju 2012 fejn ikkonferma l-istess verzjoni tal-fatti li kien ta a tempo vergine u spjega li fiz-zmien tal-incident huwa kellu l-ufficju fil-ground floor ta' Balluta Buildings, fil-pjazza tal-Balluta fi precizament f'dik it-trejqa li ma tinfidx min-naha wahda ghaliex hemm il-bollards f'tarf wiehed. Huwa jghid li dakinhar tal-incident kellu l-vettura tieghu parkeggjata regolarment bejn zewg vetturi ohra fuq in-

naha tal-lemin tat-triq, huwa rriversja sabiex jaqla' mill-parking, hares fit-tlett mirja u ta attenzjoni partikolari lejn in-naha tal-bankina ghaliex din hija gholja u peress li huwa ghandu vettura baxxa mhux l-ewwel darba li laqat il-bieba mal-bankina. Meta ra li kollox kien sew u huwa kien appena beda' jirriversja sema' lil Pulizija li kien ghassa mal-Bank of Valletta jigbidlu l-attenzjoni sabiex jieqaf u meta hareg mill-vettura sab lil mara anzjana mimduda fuq wara lejn il-lemin tal-vettura tieghu. Huwa qal li kien appena beda' jirriversja meta sema' lil Pulizija jghidlu sabiex jieqaf u kien ixxukjat ghaliex ma kien ra u hass xejn. Huwa qal li l-mara ttiehdet minn fuq il-post bl-ambulanza u huwa baqa' hemm sakemm il-Pulizija li kien qed jinvestiga l-kaz kellmu u awtorizzah jitlaq. L-imputat spjega li kien biss f'Novembru 2010 li baghtu ghalih l-Pulizija u sar jaf li l-mara anzjana kienet mietet xi ftit tal-jiem wara l-incident u li kienu ser jittiehdu proceduri kriminali fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri il-Prosekuzzjoni la produciet skizz u l-anqas ritratti tal-lokalita' fejn sehh l-incident. Il-Qorti izda li hija familjari mal-lokalita' u wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-partijiet f'dan il-kaz setghat tikkonkludi li l-incident sehh f'dik it-triq bizwit il-pjazza tal-Balluta li tista' tidhol ghaliha biss inti u gej minn tas-Sliema ghaliex fit-tarf l-iehor fejn Triq Manwel Dimech tasal sal-Balluta hemm il-bollards. Il-vettura tal-imputat kienet parkeggjata bejn zewg vetturi fuq in-naha tal-lemin ta' din it-triq mal-bankina faccata tal-Bank of Valletta branch liema bankina hija pjuttost gholja u l-imputat kien qed jirriversja sabiex johrog mill-parking. Mix-xhieda tieghu jirrizulta li huwa hares fil-mirja qabel ma beda' jirriversja u meta ma ra xejn beda' jaghmel din il-manuvra u mill-provi rrizulta li kien f'dan il-mument li Helena Vella harget minn wara t-telphone box kbira li hemm fit-tarf tal-bankina u giet milquta min-naha ta' wara tal-vettura tal-imputat. Dan il-fatt li Vella harget min wara t-telephone box u dan jirrizulta mix-xhieda ta PS 697 Nigel Apap abbazi ta dak li kienet qaltlu l-istess vittma meta kellimha l-Isptar. Din il-Qorti jidrilha li dan l-incident sfortunat sehh minhabba is-sudden

emergency li holqot il-pedestrian meta harget minn wara t-telephone booth u nizlet il-bankina. It-telephone booth kienet qed tghatti l-vizwali tal-imputat u huwa ghalhekk ma setghax jinduna bil-mara anzjana qabel ma din qabdet u harget minn warajha u bdiet taqsam. Il-Qorti ma setghat tirriskontra ebda negligenza jew nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti da parti tal-imputat. Huwa minnu li l-manuvra ta’ reverse hija wahda straordinarja u li wiehed irid jezercita kawtela specjali meta jkun qed jeffetwa din il-manuvra izda fil-kaz de quo jidher li l-imputat ezercita tali kawtela u beda’ jirriversja wara li kien hares fil-mirja kollha. Il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li l-incident de quo sehh ghaliex Helena Vella harget ghall-gharrieda minn wara t-telephone booth u bdiet taqsam u huwa ghalhekk qatt ma seta’ jinduna biha qabel.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------